# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tas-7 ta' Settembru 2001**

**Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1719/01**

**Carmel Camilleri et**

**vs**

**Doreen Cardona**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Doreen Cardona fejn gie premess :-

Illi permezz ta' rikors tal-5 ta' Gunju 2001, l-intimati talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-esponenti sabiex izommuha milli b'xi mod tiddisponi mill-maisonette li qieghda f'numru wiehed (1), Barracks Street, Qormi, kif ahjar deskritta fl-istess rikors, bil-kawzali indikata tkun "stante li r-rikorrenti ghandhom kreditu fis-somma ta' erbatax-il elf, erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (LM14,421) oltre l-imghax, in konnessjoni ma' liema kreditu r-rikorrenti istitwixxew proceduri fl-ismijiet hawn fuq premessi, citazzjoni numru 1372/00GC u stante li din il-propjeta' hija l-uniku ass ta' l-intimata li jista' jissodisfa dan il-kreditu";

Illi l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju de quo ma ghandux jinzamm fis-sehh ghar-ragunijiet segwenti, u cioe':

1. Il-fatti fil-qosor huma illi l-intimati u certi Raymond u Anna konjugi Martin kienu ftehmu li jpartu l-propjretajiet rispettivi taghhom u cioe' l-fond bin-numru mija u tnejn (102) f'Barracks Street, Qormi mal-fond bin-numru mija tmienja u tletin (138) f'Azzopardi Street, Marsa. In vista tal-ftehim li l-intimati kellhom mal-konjugi Martin filwaqt li l-intimati bdew jirrisjedu fil-fond propjeta' tal-konjugi Martin. Il-konjugi Martin ftehmu ma' l-esponenti sabiex ibieghulha l-fond numru 102 f'Barracks Street, Qormi li kien fil-pussess taghhom u peress illi l-istess fond kien ghadu ma giex trasferit f'isimhom huma talbu lill-intimati sabiex jidhru fuq il-kuntratt ta' bejgh direttament ma' l-esponenti. In vista tal-fatt illi l-konjugi Martin kienu ser jittrasferixxu l-fond taghhom gewwa l-Marsa lill-intimati, l-istess intimati ddikjaraw fuq il-kuntratt illi l-prezz tal-fond taghhom gewwa l-Marsa kien thallas u ghalhekk hallew ricevuta. Ghall-hlas tal-prezz tal-fond akkwistat minnha l-esponenti dejjem kellha x'taqsam mal-konjugi Martin. Jinghad oltre illi l-bilanc dovut lill-konjugi Martin sa llum gie saldat kompletament;

2. Il-pretensjonijiet ta' l-intimati kontra l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u lanqas jirrizultaw imqar prima facie. Permezz ta' kuntratt tal-25 ta' Lulju 1998, l-intimati kienu effettivament bieghu "il-maisonette bl-arja liberu tieghu li qieghda f'numru wiehed (1), Barracks Street, Qormi" lill-esponenti versu l-prezz bonarjament konvenuta ta' Lm15,000. Peress illi l-intimati kienu qablu u accetaw li l-prezz tal-propjeta' mibjugha minnhom lill-esponenti jircevuh bi tpartit ta' propjeta' minghand il-konjugi Martin, iddikjaraw fil-kuntratt ta' bejgh li l-prezz thallas mal-kuntratt u thalliet minnhom id-debita ricevuta, u dan ghas-saldu tal-prezz. Illi stante din id-dikjarazzjoni li l-prezz gie minnhom percepit, illum l-intimati ma ghandhomx il-jedd li jippretendu l-prezz minghad l-esponenti;

3. Fil-kawza li huma ghandhom kontra l-esponenti, l-intimati qeghdin jippretendu l-hlas ta' Lm14,421 izda bl-ebda mod ma huma qeghdin jikkontestaw il-validita' tal-kuntratt innifsu. L-intimati kienu jafu x'qeghdin jikkontrattaw u ghamluh volontarjament u f'gharfien shih li kien ser ikollhom ukoll relazzjoni ma' terzi persuni (il-konjugi Martin) sabiex in-negozju jkun finalment konkluz. Min-naha taghna, l-esponenti ikkonkludiet l-obbligi taghha fil-konfront tal-konjugi Martin biex effettivament hallset dak li kellha thallas;

4. Ghalhekk mhux gustifikat li l-mandat ta' inibizzjoni jinzamm fis-sehh kontra l-esponenti illi hi mhix debitrici ta' l-intimati, imqar prima facie;

Ghalhekk ir-rikorrenti Cardona talbet, in vista tas-suespost, li din il-Qorti joghgobha:

1. Tirrevoka u thassar il-mandat ta' inibizzjoni numru 1719/01 ai termini ta' l-Artikli 836 (1)(d), u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel talba, tikkundanna lill-intimati sabiex, a tenur ta' l-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddepozitaw fi zmien qasir u perentorju stabbiliti minn din il-Qorti, garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ta' danni u mghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1719/01;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Carmel Camilleri et fejn gie sottomess :-

Illi qabel xejn, l-esponenti jipprotestaw bil-qawwa kollha ghall-mod kif ir-rikorrenti Doreen Cardona halliet tista' tghid xahrejn sahah wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni, biex ipprezentat ir-rikors odjern ghar-revoka ta' l-istess mandat ta' inibizzjoni, meta mill-kontenut ta' l-istess rikors hu ovvju li dak li qed tasserixxi issa setghet asserietu jew qabel jew immedjatament wara l-hrug ta' l-imsemmi mandat. Invece, r-rikorrenti halliet ghax-xahar ta' Awissu forsi bit-tama li d-difensur ta' l-esponenti, bhal hafna difensuri ohra tkun imsiefra. L-esponenti tifhem li dina l-Onorabbli Qorti timsha fid-dover tazghhal tiffissa s-smiegh ta' dan ir-rikors b'certa celerita', pero' l-esponenti bl-umilta' kollha, jirrileva lil dina l-Qorti illi bl-agir tar-rikorrenti, kemm min qed jippresjedi dina l-Qorti, kif ukoll l-esponenti u d-difensur taghhom ser ikollhom jinqalghu propju lejliet Santa Marija u f'nofs il-ferjat;

Minhabba f'hekk l-esponenti fl-ewwel lok tissottometti u titlob lil dina l-Onorabbli Qorti ticcensura lir-rikorrenti minhabba l-agir taghha u tiddiferixxi s-smiegh ta' dan ir-rikors ghal data ohra;

Minghajr pregudizzju ghall-premess, u kif ser jigi spjegat, l-esponenti jissottomettu illi r-rikors odjern huwa kompletament frivolu u vessatorju - ma jikkontjeni xejn gdid fuq dak li dina l-Qorti dehrilha xahrejn ilu li takkorda l-mandat ta' inibizzjoni u fuq kollox hu tentattiv inspjegabbli biex ir-rikorrenti tottjeni decizjoni fuq il-meritu li verament huwa dak tal-kawza li giet debitament intavolata u li r-rikorrenti qed tippretendi li jigi deciz qabel ma tibda tinstema' l-istess kawza;

Illi, minghajr pregudizzju, fuq il-mertu tar-rikors, l-esponenti jhossu li r-ragunijiet moghtija mill-intimata ghar-revoka ta' dan il-mandat mhumiex gustifikati ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi, preliminarjament, il-fatti kif esposti mill-intimata mhumiex precizi u huma bbazati fuq fatti inveritieri;

2. Illi l-esponenti pprezenta kawza fl-ismijet Carmel Camilleri et vs Doreen Cardona Citazjoni numru 1372/00GC fejn talbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara lill-konvenuta debitrici taghhom fis-somma ta' Lm14,421, bilanc li fadal mis-somma ta' Lm15,000, il-prezz tal-bejgh tal-fond 102, Barracks Str, Qormi, u tikkundanna thallas l-istess ammont;

3. Illi fl-udjenza quddiem dina l-Onorabbli Qorti fil-31 ta' Mejju, 2001 kien xehed l-Avukat Dr. Anthony Ellul, li kien jippatrocinja lill-esponenti sa qabel ma giet istitwita l-kawza fuq imsemmija;

Dr. Ellul xehed u kkonferma illi sa llum l-intimata kienet ghadha ma hallsitx dan l-ammont li fuqha saret il-kawza, minkejja li fil-kuntratt ta' bejgh tal-25 ta' Lulju, 1998, in-Nutar Pierre Falzon kien iddikjara li l-ammont kien gie mhallas u sussegwentement gie ffirmat mill-partijiet;

4. Illi l-fatti kienu hemm, il-konjugi Martin u Camilleri ftehmu li jsir tpartit tal-propjetajiet ta' Hal-Qormi u tal-Marsa. Kien ghalhekk li sar kuntratt ta' tpartit. Camilleri kellhom loan mal-Bank of Valletta fuq l-imsemmi fond ta' Hal-Qormi ta' Lm15,000 u ghalhekk gie miftiehem dan l-ammont. Sadanittant, Martin stess ressaq li Cardona sabiex takkwista hi l-fond ta' Hal-Qormi minghand l-esponenti u fil-fatt sar il-kuntratt ta' bejgh tal-25 ta' Lulju, 1998;

Sar ftehim bejn Cardona u Camilleri li Cardona kellha tibda thallas dan l-ammont ta' Lm15,000 billi thallas l-loan li kien hemm f'isem l-esponenti. Fil-fatt, Cardona ghamlet ftit pagamenti lill-Bank u l-bilanc li ghad hemm huwa dan l-ammont ta' Lm14,421;

Imbaghad sar kuntratt ta' self bejn il-konjugi Martin u Cardona, fejn l-istess Martin sellef lil Cardona Lm14,400 u dan ezatt erbat'ijiem wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' bejgh. Fil-fatt, l-esponenti qatt ma kienu jafu dwar dan il-kuntratt ta' self u ghalhekk thallsu l-konjugi Martin u l-esponenti ghadu bla l-Lm14,421 sallum u ghalhekk kellhom jifthu l-kawza fuq imsemmija;

Inoltre, huwa difficli biex jigi stabbilit li prima facie ma jezistux ragunijiet gustifikabbli ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, meta jidher car li kien hemm imbroll da parti ta' Martin u Cardona li hija tiehu l-post ta' Hal-Qormi u thallas lil Martin minflok lill-konjugi Camilleri;

5. Illi l-kuntratt ta' bejgh sar ma' Cardona u mhux ma' Martin u ghaldaqstant, l-esponenti jafu biss lill-intimata bhala debitrici taghhom. Jekk hallsu lil Martin, hija problema taghhom, il-fatt hu li jekk xtrat minghand Camilleri kellha thallas lil Camilleri permezz tal-pagamenti lill-Bank of Valletta;

Ghalhekk is-sottomissjoni ta' l-intimata li gialadarba gie ddikjarat li l-pagament sar u gie saldat permezz ta' pagament lil Martin l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni mhuwiex gustifikat ma treggix;

Il-pagament kellu jsir lil Camilleri, ma sarx u ghalhekk saret il-kawza, ghal hlas ta' dan id-debitu minghand Cardona li kienet il-kompratrici tal-fond ta' Hal Qormi u prima facie l-konsegwenti hrug tal-mandat ta' inibizzjoni sabiex jigi kawtelat dan id-dritt huwa gustifikat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12.

6. Illi, in kwantu jirrigwarda l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12, prima facie l-ammont ta' Lm14,421 huwa wiehed gustifikat, meta l-bejgh tal-fond f'Hal-Qormi sar ghal Lm15,000 u sadanittant bdew isiru ftit pagamenti mill-intimata li waslu ghal bilanc finali ta' Lm14,421, li fuqha sussegwentement giet ibbazata l-kawza;

Konsegwentement, fil-mertu a bazi tar-ragunijiet suesposti, l-esponenti jhossu li t-talbiet ta' l-intimata ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ta' l-istess;

Rat id-digrieti taghha precedenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lir-rikorrenti u x-xhud minnha prodott;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Awissu 2001;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Cardona qed tghamel referenza ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni li gie otenut mill-intimati fil-konfront taghha b'digriet tal-Qorti kompetenti tal-5 ta' Gunju 2001. B'dan il-mandat l-istess rikorrenti giet mizmuma milli b'xi mod tiddisponi minn maisonette li tinsab f'Hal-Qormi u dana stante li l-intimati allegaw li huma ghandhom kreditu kontra l-istess rikorrenti fis-somma ta' erbatax-il elf, erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (LM14,421). Ir-rikorrenti Cardona qed isostni li dan il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ma ghandux jinzamm fis-sehh stante li l-imsemmija pretensjonijiet ta' l-intimati lanqas jirrizultaw imqar prima facie u dana in vista tal-fatt li jirrizulta minn kuntratt pubbliku li l-ammont pretiz mill-intimati hu kollu mhallas;

Ir-rikorrenti ghalhekk qed jitolbu li l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni jigi revokat u mhassar ai termini ta' l-Artikli 836 (1)(d), u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kaz li din l-ewwel talba ma tigix akkolta r-rikorrenti qed titlob b'mod sussidjarju li, a tenur ta' l-artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimati jigu ordnati jghamlu depositu, kif stabbilit minn din il-Qorti, bhala garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ta' danni u mghax;

Din l-azzjoni hi bbazata fuq il-provedimenti tal-artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fi proceduri bhal dawn m'ghandu jigi deciz xejn li jappartjeni ghal meritu tal-kwestjoni li hemm bejn il-partijiet. Li ghandu jigi deciz hu semplicement jekk il-mandat kawtelatorju in kwestjoni ghandux jigi revokat "in toto" jew "in parte" skond dak li hemm dispost fl-artikolu in kwestjoni cioe l-artikolu 836 tal-Kap 12. Fi proceduri bhal dawn mhux il-kompitu tal-Qorti li tirrevedi dak li sar meta gie akkordat il-hrug tal-mandat in kwestjoni. Dan mhux appell minn dik id-decizjoni;

L-imsemmija provedimenti invokati mir-rikorrenti mhux applikabbli. Bl-ebda mod ma ntwera li l-ammont mitlub fil-mandat mhux gustifikat jew hu eccessiv. Lanqas ma jirrizulta li mhux ragonevoli li l-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni jinzamm fis-sehh jew li m'ghadux aktar mehtieg jew gustifikabbli;

Ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti zgur li ma tistax tigi akkolta;

Fit-tieni lok ir-rikorrenti Cardona rrferiet ghal provedimenti tal-artikolu 838A tal-istess Kapitolu 12. F'dan ir-rigward jista jinghad li ma tirrizultax kawza gusta ghala l-intimati ghandhom jigu ordnati li jghatu garanzija skond kif dispost fl-imsemmi artikolu. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz mhux opportun li jigu applikati dawn il-provedimenti;

Ghalhekk anke t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

Ghal dawn il-motivi :

Tipprovdi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.